MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1659/2001/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**Grace Alty**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u sitt centezmi (Lm251.06) rappresentanti hlas in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon bin-numru 632533 skond ma jirrizulta mid-dokumenti annessi ma'l-avviz immarkati bhala Dokumenti A u B.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 23 ta' Mejju 2001 kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Keith Grech ghan-nom tas-socjeta attrici li iddikjara sollennement li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u sitt centezmi (Lm251.06), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 23 ta' Mejju 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------